

# IT-TIFKIRA TA' L-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU

SENSIELA FESTI LITURGICI

## GHALIEX IL-KATTOLICI JICCELEBRAW IL-JUM TA' L-ERWIEH FIL-PURGATORJU?

Il-Knisja hija maghmula mill-fidili li jghixu fuq l-art u minn dawk li marru qabilna. Dan tal-ahhar jinkludi lis-qaddisin fis-Sema u l-erwieh leali li jigu ppurifikati fil-



Purgatorju. Bhalma fl-1 ta' Novembru nharsu lejn dawk li huma ma' Alla, fit-2 ta' Novembru l-Kattolici jiccelebraw Kommemorazzjoni ta' dawk kollha li huma l-Fidili Mejtin. Maghruf ukoll bhala Jum l-Erwieh Kollha, f'dan il-jum inharsu lejhom ghall-fedeltà taghhom fil-hajja, kif ukoll nitolbu ghalihom ghax qed jigu purifikati qabel jidhlu fil-Prezenza Qaddisa ta' Alla. Bhalma jghid Apokalipsi 21:27 dwar Gerusalemm tas-Sema, "... *xejn li mhux nadif jidhol gewwa."*

## IL-KNISJA KATTOLIKA GHADHA TEMMEN FIL-PURGATORJU?



Mill-bidu tal-Knisja, il-Kattolici kienu jemmnu f'post ta' purifikazzjoni finali ghall-fidili li mietu. Dawk li mietu martri kienu rikonoxxuti bhala digà ma' Alla peress li kienu perfettament konformi ma' Kristu u s-Salib tieghu permezz tal-martirju taghhom. Ghal hafna fidili li qatt ma kellhom l-opportunità jaghtu xhieda pubblika bhal din, il-Knisja offriet talb, specjalment il-Quddiesa, li, wara li gew purifikati minn kull imperfezzjoni, jidhlu fis-Sema. Dan jista' jinstab f'hafna testi antiki, kif ukoll xhieda tal-katakombi u l-oqbra. Fil-Medju Evu, giet

zviluppata l-ispjegazzjoni teologika u l-isem Purgatorju beda jintuza peress li jiddeskrivi b'mod xieraq il-fidi tal-Knisja mill-bidu sal-lum.

CCC 1030-1031 *Dawk kollha li jmutu fil-grazzja u l-hbiberija ta' Alla, imma mhux totalment purifikati huma tassew certi mis-salvazzjoni eterna ta' ruhhom; imma wara l-mewt jehtieg li jghaddu minn purifikazzjoni, sabiex jiksbu l-qdusija mehtiega biex jidhlu fil-ferh tas-sema. Il-Knisja taghti l-isem Purgatorju ghal din il-purifikazzjoni finali tal-eletti.*

## IL-PURGATORJU HU BIBBLIKU?

Filwaqt li l-kelma "Purgatorju" ma tidhirx fl-Iskrittura, il-possibbiltà ta' purifikazzjoni wara l-mewt zgur li tidher f'forma mhux zviluppata. Per ezempju, fil-ktieb tal-Makkabej, Guda Makkabew jibghat offerta lit-Tempju f'isem l-irgiel tieghu li kienu wettqu att superstizzjuz (ara 2 Makkabej 12:39-45). Ghalkemm dan it-test bibbliku Kattoliku mhux fil-Bibbja Protestanta, minhabba t-tnehhija tieghu mir-Riformaturi, xorta wahda juri l-fidi ta' Izrael fis-seklu t-tieni Q.K.

Fit-Testment il-Gdid, Gesu' jirrakkomanda li nsolvu l-affarijiet taghna qabel immorru quddiem l-imhallef,



inkella nistghu nidhlu fil-habs, fejn nibqghu sakemm id-dejn taghna jithallas. ***25Lil min ikun se jtellghek il-qorti hudu bil-kelma t-tajba mill-aktar fis waqt li tkun ghadek mieghu fit-triq, li ma jmurx jaghtik f'idejn l-imhallef, u l-imhallef f'idejn l-ghassies, u hekk issib ruhek fil-habs. 26Tassew nghidlek, minn hemm gew ma tohrogx qabel ma tkun hallast l-ahhar tliet habbiet*** (Mattew 5:25-26)

Dan huwa principju baziku tal-gustizzja: id-djun tal-gustizzja jrid jithallas. Ma nistghux inhallsu d-dejn taghna lil Alla, ghax Huwa infinit. Kristu hallas dak id-dejn, billi ghaqqad in-natura taghna man-Natura Divina

tieghu, u ahna nircievu l-mahfra meta induru lejh sobghiena minn dnubietna permezz ta' dawk li hu appunta ghal dan il-ghan. ***21Imbaghad Gesù tenna jghidilhom: "Is-sliem ghalikom! Kif il-Missier baghat lili, hekk jien nibghat lilkom." 22Kif qal hekk, nefah fuqhom u qalilhom: "Hudu l-Ispirtu s-Santu. 23Dawk li tahfrulhom dnubiethom ikunu mahfura, u dawk li zzommuhomlhom ikunu mizmuma."*** ( Gwanni 20:21-23).

Il-htija temporali, minhabba l-konsegwenzi tad-dnub kemm lejna nfusna kif ukoll lejn l-ohrajn tibqa', u rridu npattu ghalihom kemm nistghu – ezempji: inroddu lura flus misruqa, nikkoregi hsara lill-isem tajjeb ta' xi hadd, nitlob mahfra lil xi hadd li weggghajtu, fizikament, emozzjonalment, moralment, etc etc.... – jekk mhux f'din il-hajja, fil-hajja li jmiss. MA NISTGHUX NAGHLQU GHAJNEJNA GHALIHOM U NQISUHOM DAQS LI KIEKU MA KIEN XEJN.

## L-ORIGINI TA' JUM L-ERWIEH KOLLHA

Il-Knisja kellha prattika bikrija li tfakkar l-erwieh kollha li telqu qabilna fil-Quddies.

Dan inkluda l-kitba tal-ismijiet taghhom fuq tabelli. Verzjoni ta' dan tinsab f'kull Quddiesa llum, fit-talba ghall-fidili mejtin fi Kristu maghrufa bhala l-Memento tal-Mejtin, kif ukoll fil-prattika li toffri Quddiesa ghal individwi partikolari.

Ic-celebrazzjoni ta' jum specjali bdiet f'xi monasteri fis-seklu sitt u sal-ghaxar seklu xterdet fid-djocesijiet, u f'xi postijiet giet iffissata fit-2 ta' Novembru, il-gurnata wara l-Jum tal-Qaddisin Kollha. Din id-data giet adottata f'Ruma fis-seklu 13.

## IL-JUM TAL-QADDISIN KOLLHA HU L-ISTESS BHALL-JUM TAL-ERWIEH KOLLHA?

Il-Jum tal-Qaddisin kollha, fit-1 ta' Novembru, huwa f'gieh il-fidili li jinsabu fis-Sema.

Fit-2 ta' Novembru, Jum l-Erwieh kollha li telqu qabilna, nitolbu ghall-erwieh qaddisa fil-Purgatorju li qed jigu purifikati qabel jidhlu fis-Sema.

## X'JAGHMEL WIEHED F'DAN IL-JUM?

Ghalkemm dan il-jum m'huwiex Jum Qaddis ta' Obligazzjoni, tkun idea tajba li tattendi l-Quddiesa u



titqarben. Barra minn hekk, matul dan il-jum wiehed ghandu jahseb spiss bit-talb fl-erwieh tal-mahbubin tieghu, kif ukoll ghal dawk li m'ghandhom lil hadd jitolbu ghalihom.

Huwa wkoll drawwa qaddisa li nzuru l-qabar tal-mejtin taghna f'dan il-jum, kemm biex jitolbu fil-post fejn il-gisem taghhom, imqaddsa fil-hajja bis-Sagramenti, jistennew ir-Rizurrezzjoni Generali u biex jhallu xi marka ta' rispett, bhal fjuri, biex jzejnu l-qabar taghhom.

## MIN IMUR PURGATORJU?

Dawk li jmutu fl-istat ta' grazzja, izda minghajr ma jkunu gew purifikati mill-attakkament kollu taghhom mad-dnub, imorru fil-Purgatorju. Kristu wissiena biex *"inkunu perfetti bhalma l-Missier tas-sema hu perfett"* (Mattew 5:48), u ghalhekk il-purifikazzjoni minn kull

imperfezzjoni, hija mehtiega qabel ma jidhlu fil-prezenza tal-Missier.

## JISTGHU L-HAJJIN JITOLBU GHALL-MEJTIN?

Iva u hekk ghandu jkun. L-erwieh qaddis ma jistghux jitolbu ghalihom infushom u ghalhekk jehtiegu t-talb taghna.

Ahna nistghux nitolbu ghall-qaddisin li gew dikjarati hekk mill-knisja ghaliex huma diga qeghdin igawdu lil Alla u anqas a nistghu nitoblu lil Alla ghal dawk li qeghdin fl-Infern ghaliex huma irrifjtuaw il-Hniena ta' Alla meta kienu hajjin fid-dinja u ghalhekk meta dehru quddiemu ghall-Gudizzju sabu ruhna maqtugha Minnu.

## JISTGHU L-MEJTIN JINTERCEDU GHALL-HAJJIN?

Iva, kemm l-erwieh li hemm fis-Sema kif ukoll fil-Purgatorju, dawn jistghu jintercedu ghalina. Il-fidili kollha, kemm jekk fuq l-art (il-Knisja Militanti), fil-Purgatorju (il-Knisja Purganti), jew fis-Sema (il-Knisja Trijonfanti), jiffurmaw "Komunjoni tal-Qaddisin" f'Alla, ghax "*Hu mhux Alla tal-mejtin, imma tal-hajjin; ghax kulhadd jghix ghalih*" (Luqa 20:38).

## KIF NISTGHU NITOLBU GHALL-ERWIEH TAL-PURGATORJU?

Nistghu nitolbu ghalihom permezz tas-smigh tal-quddies u tqarbin, ninkluduhom fit-talb ta’ kuljum taghna u fir-Ruzarju kif ukoll niftakru fihom permezz tat-talba *Aghtihom O Mulej il-mistrieh ta’ dejjem etc.*....meta inkunu ghaddejjin minn quddiem xi cimiterju.

Ma ninsewx ukoll li nistghu napplikaw l-indulgenzi b’suffragju ghar-ruhhom. Indulgenza hija hniena moghtija minn Kristu permezz tal-Knisja, meta naghmlu certi atti ta' talb, penitenza, jew karità specifikati mill-Knisja li taghti valur addizzjonali permezz tal-qawwa tac-cwievet moghtija lil San Pietru (ara Mattew 16:13-18).

Kattoliku jista' jikseb indulgenza ghalih innifsu  jew ghall-Erwieh tal-Purgatorju.


TMIEM